Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**12256/25**

**SOC 580**
**EMPL 390**
**GENDER 168**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-Ġermanja |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li tissostitwixxi membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-Ġermanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

---

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni (UE) 2025/2802[2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Petra FOLLMER-OTTO sar vakanti siġġu ta' membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(3) Il-Gvern tal-Ġermanja nnomina kandidata għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU C, C/2025/2802, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2802/oj)

*Artikolu 1*

Is-Sa Katharina JESTAEDT hija maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Petra FOLLMER-OTTO għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2028.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*
*Il-President*